**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 1073/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Leon Cremona Adly**

**Illum 7 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Leon Cremona Adly**, ta' tmintax-il (18) sena, iben Anthony Cremona u Hurria neè Adly, ta' nazzjonalità Maltija, imwieled il-Pietà fit-2 ta' April 2006, residenti ġewwa 33, Triq San Fidiel, Ħamrun, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 129006L, talli bejn il-ħdax ta' filgħaxija (23:00hrs) ta' nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs) tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena eflejn erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' ġrieħi gravi fuq diversi persuni, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

2. Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi saq vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBD-947 ta' l-għamla Subaru Vivio, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta taħt dik il-kategorija speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura oħra, kif ukoll saqha b'mod traskurat kbir, perikoluż u bla kont;

3. Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

4. Kif ukoll fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi għamel użu temporanju ta' vettura ta' l-għamla Subaru Vivio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBD-947, b'dana li saq l-

imsemmija vettura mingħajr ma kellu l-kunsens tas-sid tagħha jew awtorità leġittima oħra;

5. Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsur minħabba xorb jew drogi;

6. Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew ta' l-urina kien iżjed mil-limitu preskritt mil-liġi;

7. Kif ukoll fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi waqt li kien qiegħed isuq vettura, eċċeda il-limitu ta' veloċità permessa f'żona pedonali;

8. Kif ukoll fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u storbju jew b'mod ieħor;

9. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè vettura ta' l-għamla Subaru Vivio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBD-947, liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda inqas minn €2,500 u dana għad-detriment ta' Hurria Adly u/jew persuni oħra;

10. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè vettura ta' l-għamla Peugeot 3008 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CLY-342, liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda inqas minn €2,500 għad-detriment ta' Muhammed Asif Khalid u/jew persuni oħra;

11. U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija jew minn uffiċjal ieħor ta' awtorità oħra waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew ma ħalliex jew fixkilhom b'xi mod jew bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħallihomx jagħmlu jew ħassar dak li kienu qegħdhin jagħmlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tipprovdi għas-sigurtà ta' Hmedi Hysetn Hasan, Kamal Bhardwaj, Moatasim Salah Aldeen Mosbah Bushagur, Albert Cassar, Antoine Bugeja billi toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll kull artikolu li jassigura l-kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittma in relazzjoni ta' l-offiżi relevanti; (iii) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Leon Cremona Adly iħallas l-ispejjeż ai termini ta' l-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidera l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "I";

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli bejn 23:00hrs ta' nhar 26 ta' Diċembru 2024 u 02:00hrs tas-27 ta' Diċembru 2024, ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' ġrieħi gravi fuq diversi persuni, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (2) Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi saq vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBD-947 ta' l-għamla Subaru Vivio, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta taħt dik il-kategorija speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura oħra, kif ukoll saqha b'mod traskurat kbir, perikoluż u bla kont; (3) Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni; (4) Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi għamel użu temporanju ta' vettura ta' l-għamla Subaru Vivio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBD-947, b'dana li saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu l-kunsens tas-sid tagħha jew awtorità leġittima oħra; (5) Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsur minħabba xorb jew drogi; (6) Kif ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew ta' l-urina kien iżjed mil-limitu preskritt mil-liġi; (7) Kif ukoll fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi waqt li kien qiegħed isuq vettura, eċċeda il-limitu ta' veloċità permessa f'żona pedonali; (8) Kif ukoll fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u storbju jew b'mod ieħor; (9) U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè vettura ta' l-għamla Subaru Vivio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBD-947, liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda inqas minn €2,500 u dana għad-detriment ta' Hurria Adly u/jew persuni oħra; (10) U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, cioè vettura ta' l-għamla Peugeot 3008 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CLY-342, liema ħsara tammonta għal aktar minn €250 iżda inqas minn €2,500 għad-detriment ta' Muhammed Asif Khalid u/jew persuni oħra; (11) U aktar talli fl-istess lok, żmien u ċirkostanzi naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija jew minn uffiċjal ieħor ta' awtorità oħra waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew ma ħalliex jew fixkilhom b'xi mod jew bla jedd

indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħallihomx jagħmlu jew ħassar dak li kienu qegħdhin jagħmlu.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti għandha ssib lill-imputat hekk ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li ġew minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputazzjonijiet numru 2 sa' 10, bl-imsemmija żewġ imputazzjonijiet inklużi, dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 41(a), 214, 215, 216, 325(1)(b), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a)(2), 15A(1)(2), 15B(1), 15H(1)(a)(2), 55(1)(2) u 61 tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-Artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A)(2B) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-sena (1) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, b'mod partikolari li l-imputat għandu fedina penali netta u rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sena (1) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza. **In oltre** tiskwlifika lill-imputat milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax-il (12) xahar mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni u dana għall-perijodu ta' sentejn (2) millum u taħt il-kondizzjonijiet u termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u kopja ta' l-Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum stess jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk tul il-perijodu li fih ikun fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni mogħti fil-konfront tiegħu llum, huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi ħtieġa ta' dan l-istess Ordni, f'każijiet serji u ripetuti s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'din is-sentenza u li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-

kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas lil Muhammed Asif Khalid is-somma ta' €897.51 rappreżentanti l-ħsarat kawżati fil-vettura ta' l-għamla Peugeot 3008 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CLY-342. Il-ħlas irid isir fi żmien massimu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 28H(8) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-imsemmi Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu mad-direttiva appena imposta fuqu b'din is-sentenza.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 382, 383, 384, 385, 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Superviżjoni.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**